# Il-Ħadd 20.03.2016

1. Illum 20/03, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fit-8:15am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-knisja parrokkjali.
   - Fid-8:45am - Inkomplu bil-quddiesa. Infakkru lit-tfal biex iġibu l-Karus ta' Mħabba.
2. It-Tnejn 21/03 u t-Tlieta 22/03:
   - Bħal kull sena, matul dawn il-jumejn, qed nitolbu biex min jista' jġib fjuri bojod u ħaxix ħalli jkun jista' jiżżejjen l-Altar tar-Repożizzjoni (is-Sepulkru).
3. L-Erbgħa 23/03:
   - Mit-8:15am sad-9:00am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-7:30pm tibda l-Via Crucis Nazzjonali mmexxija minn Mons. Arċisqof, u li tiġi organizzata mill-RTK. Din is-sena ser tibda miċ-Ċentru ta' Rijabilitazzjoni għad-Drogati tal-Caritas f'San Blas u tintemm quddiem il-Kappella tal-Grazzja Ħaż-Żebbuġ. Qed ikun organizzat trasport li jitlaq mill-pjazza fis-6:15pm. Min jixtieq jattendi jinkiteb fis-Sagristija.
4. Għall-jiem tat-**Tridu ta' l-Għid – jiġifieri Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, u Sibt il-Għid** – araw il-programm dettaljat fil-fuljett 'Flimkien' ta' Marzu li tqassam fi djarkom. Inħeġġu ħafna l-parteċipazzjoni tagħkom f'dawn il-funzjonijiet speċjali. F'dawn il-jiem ikollna bżonn ħafna għajnuna, speċjalment hawn fil-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru, kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja.
5. Il-Ħamis 24/03, **Ħamis ix-Xirka**:
   - Fuq rieda tal-Papa Franġisku, il-ġest tal-Ħasil tar-Riġlejn matul il-Quddiesa tal-Ikla tal-Mulej m'għandux jibqa' jkun limitat għal 12-il raġel imma jkun aktar xieraq li jintagħżlu grupp ta' persuni (aħjar ma jkunux 12) – irġiel u nisa, li jistgħu ikunu tfal, żgħażagħ u anzjani, nies b'saħħithom u morda, sew ikkonsagrati u sew lajċi – li jirrappreżenta aktar bis-sħiħ lill-Poplu ta' Alla. Għaldaqstant bħala parroċċa rajna li għal din is-sena jintagħżlu 10 persuni: 3 fratelli proposti mir-Rettur tal-Fratellanza tas-Sagrament, 3 fratelli proposti mir-Rettur tal-Fratellanza tar-Rużarju, 2 persuni proposti mill-Kummissjoni Djakonija u 2 adolexxenti proposti mis-Superjuri tal-MUSEUM. Hekk dan il-ġest ma jibqax biss tifkira imma jsir dejjem aktar stedina li tħeġġiġna biex ilkoll kemm aħna, bħala Poplu t'Alla, nimitaw lil Ġesù li *"ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi"* (Mt 20:28).
6. Is-Sibt 26/03, **Sibt il-Għid**:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Parti mill-funzjoni tkun li nixgħelu ix-xemgħat mill-Blandun. Nistednukom iġġibu x-xemgħat magħkom mid-dar, qies normali. Wara li nużawhom fil-funzjoni nħalluhom il-knisja biex inkunu nistgħu nixgħeluhom matul is-sena fuq l-altar maġenb it-tabernaklu.
7. Avviżi oħra:
   - Infakkar li għandna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li ta' min inżuruhom:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 32, Triq Dun Ġużepp Caruana.
   - Minħabba li fil-lejl ta' Sibt il-Għid iddur is-siegħa, il-quddies ta' filgħaxija tal-Ħadd jibda jkun fis-6:00pm. Tibda minn Ħadd il-Għid.
   - Il-Programm tat-Tberik fil-Familji (li ser nibdewh mit-Tnejn 04/04) tistgħu ssibuh fuq in-Notice Boards taz-zuntier tal-Knisja, fuq il-website tal-parroċċa, u fil-'Flimkien' ta' April li għad irid jitqassam.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu: € 120 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tad-Duluri u s-Sepulkru. Grazzi.

# PROGRAMM FIL-FULJETT ‘Flimkien’
# GĦAT-TLETT IJIEM TAL-GĦID TAL-MULEJ

1. Il-Ħamis 24/03, **Ħamis ix-Xirka**:
    - Fis-7:30am - sat-8:00am — Talb flimkien fil-knisja parrokkjali: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum.
    - Fid-9:00am - Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha jsiru t-Tberik taż-Żjut Imqaddsa, u t-Tiġdid tal-Wegħdiet Saċerdotali.
    - Fil-5:00pm - Qrar.
    - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
    - Fit-8:30pm - Viżti animati mis-Sorijiet Dumnikani.
    - Fl-10:00pm - Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Familja u l-Grupp Koppji Miżżewġa.
    - Fil-11:00pm - *Tagħlaq il-knisja.*

2. Il-Ġimgħa 25/03, **il-Ġimgħa l-Kbira**:
    - F’12:30am - Mill-pjazza jitlaq trasport organizzat lejn il-Mellieħa, minn fejn fis-2:00am tibda l-Mixja b’risq Puttinu u li tieħu sal-Isla.

    Fis-6:30am - *Tiftaħ il-knisja.*
    - Fis-7:00am - Viżti.
    - Fit-8:00am - Talb flimkien: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani.
    - Fid-9:00am - Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Bniet.
    - Fl-10:00am - Ħin ta’ skiet, ġabra u talb personali.
    - Fil-11:00am - Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Subien.

    F’12:00pm - *Tagħlaq il-knisja u terġa’ tiftaħ fis-2:15pm.*
    - Fis-2:30pm - Via Sagra.
    - Fit-3:00pm - Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

3. Is-Sibt 26/03, **Sibt il-Għid**:
    - Fit-7:45am - sat-8:15am — Talb flimkien fil-knisja ta’ Santa Marija: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum.
    - Fis-6:00pm - Qrar.
    - Fit-8:00pm - Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bil-Magħmudija.

4. Il-Ħadd 27/03, **l-Għid il-Kbir**:
    - Fis-6:45am - Quddiesa.
    - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-tfal li fiha jsir it-Tberik tal-Figolli.
    - Fl-10:00am - Quddiesa.
    - Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.